# Isqof tal-poplu



*Charles Buttigieg*

Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca twieled u trabba f'familja li l-għajxien tagħha kienet taqilgħu minn ħanut tal-inbid li kellhom ma' darhom biswit il-Bażilika ta' San Ġorġ, fir-Rabat ta' Għawdex, bl-isem "Tverna tal-Mewta".

Sa minn ċkunitu dara jara l-bdiewa jaslu bl-għeneb fuq il-karettuni, biex jgħadduh lil missieru għall-għasir. Ir-rabta tiegħu mal-ħanut kienet sal-punt li kien jiekol u jagħmel ix-xogħol tal-iskola fuq l-imwejjed fejn missieru kien iservi lill-klijenti. Dan għenu biex minn kmieni f'ħajtu jiltaqa' ma' ħaddiema ta' diversi snajja' u jisma' dwar l-esperjenzi tagħhom fil-ħajja ta' kuljum.

Kien jaħseb ħafna fuq dak li kien jisma' fir-rakkonti tal-ħaddiema. Kellhom is-sehem tagħhom fl-iżvilupp tiegħu f'żagħżugħ b'għożża sħiħa għax-xogħol tal-bniedem. Meta rifes l-għatba tas-seminarju biex jibda jħejji ruħu għas-saċerdozju, f'moħħu u f'qalbu kellu diġà apprezzament kbir għall-valur tax-xogħol.

Id-doni personali li żejnu bihom il-Ħallieq mexxewh mhux biss lejn is-saċerdozju, imma wkoll lejn studju li wasslu biex isir imħallef tat-Tribunal tal-Knisja fil-Vatikan. Hemmhekk kien jisma' l-iżjed każi dwar żwiġijiet. L-għarfien li kellu tat-tlugħ u l-inżul li jiltaqa' magħhom kull bniedem li jgħix mix-xogħol għenuh ħafna biex dmirijietu bħala mħallef iwettaqhom b'sens pastorali profond.

Kien jaħseb li l-futur tas-servizz tiegħu fi ħdan il-Knisja kien se jkun fit-tribunali tagħha f'Ruma. Madankollu, jistennieh kien hemm ġejjieni ferm differenti. Mingħajr qatt ma basar, il-Papa Pawlu VI sejjaħlu biex jiġi Malta l-ewwel bħala Isqof Awżiljarju tal-Arċisqof Mikiel Gonzi u mbagħad bħala Arċisqof ta' Malta.

It-tmun tat-tmexxija tal-Knisja f'Malta kien għadda f'idejn ragħaj umli, għaqli u prudenti, li fih kellu magħġuna mħabba speċjali għall-bniedem, hu min hu, mit-tnissil tiegħu sal-aħħar nifs ta' ħajtu, flimkien ma' għożża speċjalment għall-bniedem magħdur u batut.

## Qrib in-nies

Fl-imħabba kbira tiegħu għall-bniedem, l-Arċisqof Mercieca sar iħobb iżur ħafna l-morda fi djarhom u fl-isptarijiet, it-tfal fl-iskejjel, il-ħaddiema fuq il-postijiet tax-xogħol u n-nies fil-parroċċi.

Iż-żjarat fil-parroċċi kellhom post partikolari fil-missjoni pastorali tal-Arċisqof Mercieca. L-impenji l-oħrajn tiegħu, speċjalment fi żmien l-inkwiet tas-snin tmenin dwar l-iskejjel tal-Knisja, ftit li xejn kienu jħallulu żmien għal dawn iż-żjarat. Madankollu, huwa xorta waħda kien jagħmel ħiltu biex iżur il-parroċċi, mingħajr daqq ta' trombi. Kien ukoll iżomm ruħu infurmat dwar il-ħajja ta' kull parroċċa individwali. Kull nhar ta' Erbgħa kien jiltaqa' ma' żewġ kappillani differenti, l-ewwel wieħed u mbagħad l-ieħor.

Għal Mons. Mercieca, il-Knisja fil-parroċċa kienet, quddiem nett, iċ-ċentru u l-qofol tal-ħajja kollha tan-nies, għaliex f'Jum il-Mulej huma jinġemgħu – kuljum ukoll jekk iridu – biex, f'xirka waħda ta' mħabba, jagħtu lil Alla l-qima li tixraqlu.

Il-mawriet tiegħu fil-parroċċi għalih kienu ferm aktar minn okkażjonijiet ta' messaġġi, laqgħat u funzjonijiet reliġjużi. Kien jinteressa ruħu ħafna wkoll f'dak li jkun qed isir fl-ambjent parrokkjali, spiss bl-għajnuna ta' voluntieri minn kull qasam u livell tal-ħajja.

Il-volontarjat kien ħafna għal qalbu. Fil-laqgħat li kien ikollu mal-Kunsilli Pastorali Parrokkjali kien iħobb isir jaf dwar il-ħidmiet varji ta' volontarjat li jsiru fil-parroċċa, bħalma huma dawk tal-Kelma, tal-Qadi u tal-Għaqda, skont il-kategoriji differenti -- tfal, żgħażagħ, miżżewġin, anzjani u morda.

L-Arċisqof Mercieca kien iħobb jinżel ħdejn in-nies biex jaqsam magħhom il-ferħ u n-niket. Kien ifittex ħafna li jifhem aktar u aħjar id-diffikultajiet tal-bniedem fir-realtà taż-żmien u l-post. Fiż-żjarat tiegħu fost in-nies fil-parroċċi kien jara opportunitajiet li jgħinuh sew f'dan l-impenn. Għaliex fihom kien ikun jista' jisma' direttament mingħand persuni ta' sfond differenti dak li jkunu qed jiltaqgħu miegħu fil-ħajja tax-xogħol tagħhom.

## Sar iħobb iż-Żejtun

Wieħed mill-postijiet li l-Arċisqof Mercieca kien iħobb iżur kien iż-Żejtun.

Dan ma kienx biss għaliex f'ħajtu ltaqa' ma' Żwieten li huwa fittex l-għajnuna tagħhom, u huma tawhielu mill-qalb, f'oqsma varji. Il-qrubija tiegħu maż-Żejtun kienet ukoll għaliex, fost ħwejjeġ oħrajn, fiż-Żejtun kien jiltaqa' ma' komunità li sa mill-qedem kienet mibnija fuq ix-xogħol.

Ħafna drabi kien ikun iż-Żejtun u fost iż-Żwieten b'mod li ftit kienu jkunu dawk li jindunaw bil-preżenza tiegħu. Biss kien ikun hemm ukoll okkażjonijiet meta huwa kien iżur iż-Żejtun għal ċerti avvenimenti – ngħidu

aħna għall-purċissjoni annwali ta' San Girgor wara l-Għid il-Kbir, jew biex jamministra l-Griżma tal-Isqof lil tfal Żwieten.

Kien ikun hemm ukoll okkażjonijiet ta' natura straordinarja li fihom Mons. Mercieca kien ikun iż-Żejtun. Fosthom kien hemm il-ftuħ u t-tberik ta' Dar it-Tagħlim tad-Duttrina fiż-Żona ta' San Girgor u taċ-Ċentru ta' Ġebel San Martin.

Dwar id-Dar tad-Duttrina, kien Mons. Mercieca stess li awtorizza lill-Arċipriet ta' dak iż-żmien, Dun Alfred Vella (illum Monsinjur), fil-bidu tal-missjoni tiegħu fiż-Żejtun, biex jirranġa s-sitwazzjoni tal-post. Meta, imbagħad, il-lokal ġie adattat biex ikun dar tad-duttrina, Mons. Mercieca ħa ħsieb li jkun hu stess li jinawguraha.

Rigward 'Dar San Martin', kien ilu jinħass il-bżonn li jitwaqqaf ċentru f'dawk l-inħawi, fejn sar qasam **ġdid** tad-djar li laqa' fih bosta familji. Dwar dan il-proġett pastorali, Mons. Vella, l-eks-arċipriet, qalli hekk:

"Kien Mons. Annetto Depasquale, dakinhar li ħarġet in-nomina tiegħu ta' Isqof Awżiljarju, fis-17 ta' Novembru, 1997, li meta ngħatajna d-digriet biex jimxi x-xogħol fuq dan iċ-ċentru ġie biex ibierek l-art u jitwaqqaf Salib biex jimmarka din l-avventura ġdida li konna deħlin għaliha. Meta tlestiet l-ewwel fażi ta' dan il-bini, li għadu hekk sal-lum, Mons. Arċisqof Mercieca, fil-Kunċizzjoni tal-1998, bierek il-post u ppresieda konċelebrazzjoni ta' ringrazzjament."

Ħbieb tiegħi oħrajn għenuni niftakar ukoll f'dawn il-ġrajjiet li ġejjin dwar l-Arċisqof Mercieca u ż-Żejtun:

1991: Mill-20 ta' April sal-21 ta' Mejju, għamel żjara pastorali fil-parroċċa taż-Żejtun, li bdiet b'Quddiesa fil-Knisja Parrokkjali. Iż-żjara kienet tinkludi okkażjonijiet fejn huwa mexa f'diversi toroq taż-Żejtun biex jiltaqa' man-nies u jkellimhom.

1992: Fis-26 ta' April bagħat messaġġ ta' tislima lill-poplu Nisrani tal-parroċċa taż-Żejtun fl-okkażjoni tat-300 sena tal-bidu tal-bini tal-Knisja Parrokkjali.

1993 u 2003: Mexxa l-ordinazzjoni tad-djakonat li, f'dawk is-snin, saru fil-knisja parrokkjali taż-Żejtun.

2004: Fil-21 ta' Novembru, kien iż-Żejtun biex mexxa ċ-ċelebrazzjoni djoċesana prinċipali ta' Kristu Sultan, li dik is-sena kienet bit-tema, "Inħarsu 'l quddiem b'kuraġġ ma' Kristu l-Mulej".




2005: Fl-okkażjoni taċ-ċelebrazzjoni tas-17-il ċentinarju mill-martirju ta' Santa Katarina ta' Lixandra, Patruna taż-Żwieten, ħareġ messaġġ lill-parroċċi taż-Żejtun u ż-Żurrieq. Barra minn hekk, mexxa l-pellegrinaġġ tar-Redentur fiż-Żejtun f'dik is-sena, aċċetta l-vara ta' Santa Katarina fil-Katidral tal-Imdina fi triqtha lura lejn iż-Żejtun minn xogħol ta' restawr, u fil-jum tat-Tlieta tal-ġimgħa tal-festa mexxa quddiesa fil-knisja parrokkjali taż-Żejtun bis-sehem tal-qassisin tal-parroċċi taż-Żejtun u taż-Żurrieq.

2009: Bierek it-tabernaklu l-ġdid tal-artal maġġur fil-knisja parrokkjali.

Ir-rota tal-ħajja riedet li Mons. Mercieca mhux biss jibqa' jżur iż-Żejtun sakemm saħħtu kienet għadha tagħtih, imma wkoll li jgħix l-aħħar xhur u nifsijiet ta' ħajtu fid-dar tal-familja Żejtunija li baqgħet tieħu ħsiebu, b'imħabba u għożża kbira, sal-aħħar nifs ta' ħajtu.

Kien miż-Żejtun li, sbieħ l-ewwel jum tar-rebbiegħa 2016, Mons. Mercieca għamel il-vjaġġ qaddis tiegħu sad-Dar tal-Missier. Ħdejn Kristu Rxoxt kien wasal isqof li kien tal-poplu, fost il-poplu u għall-poplu, kif ukoll ragħaj li għex bis-sħiħ il-motto episkopali tiegħu, *Ilkoll Aħwa fi Kristu.*





Parrocca Zejtun

Share

"like" us on facebook

Aġġorna ruħek ma' dak li qed isir fil-Parroċċa tagħna. Sibna fuq facebook/Parrocca Zejtun

Avviżi, Ritratti, eċċ.